
TGĦIDLIX
Ġorġ Borg
Sa Elizabeth Dimech Ghirxi
Skola St Joseph, Tas-Sliema


Tgħidlix xi nħoss ġo fija
meta fuq Għawdex tiegħek
iġġorrni l-poeżija...


Tgħidlix insemmgħek l-għanja
li ħielsa mill-irbit
ġo qalbi nħossha tidwi
u toħroġ bla taħbit
kif nirfes fuq il-gżira
li noħlom ta' sikwit.


Tgħidlix indewqek l-hena
li bħalu ma ħassejt
kull meta f'Għawdex ħlejju
mat-toroq iġġerrejt
biex nogħxa fuq kull dehra
tal-gżira li ħabbejt.


Tgħidlix xi nħoss ġo fija
meta fuq Għawdex tiegħek
iġġorrni l-poeżija
għax qatt ma jseħħli nfisser
misterju ta' sbuħija.